

### Suġġett

Fl-ewwel lok, l-annullament tal-posta elettronika u tad-deċiżjonijiet tal-BEI dwar il-proċedura amministrattiva fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-rendiment tar-rikorrent matul is-sena 2010. Fit-tieni lok, l-annullament tad-deċiżjoni li permezz tagħha l-president tal-BEI rrifjuta li tinbeda l-proċedura ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI. Fit-tielet lok, l-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2010 fil-parti fejn ma jattribwixx il-marka "exceptional performance" jew "very good performance" u ma jipproponix, fir-rigward tar-rikorrent, promozzjoni għall-funzjoni D. Fl-aħħar lok, talba sabiex il-BEI jiġi kkundannat għall-ħlas ta' kumpens għad-danni morali u fiżiċi allegatament subiti mir-rikorrent.

### Talbiet tar-rikorrent

- jannulla l-messaġġ elettroniku tal-4 ta' Lulju 2011, li permezz tiegħu "is-segretarjat" tal-kumitat tal-appelli, skont l-Artikolu 22 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI u skont in-Note to Staff HR/P&O/2011-079/Ks tal-25 ta' Marzu 2011, informa lir-rikorrent li huwa qatt ma kien ippreżenta lill-'kumitat' kopja tal-appell tiegħu kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tal-2010, il-messaġġ elettroniku tat-12 ta' Awwissu 2011, li permezz tiegħu l-istess 'segretarjat' informa lir-rikorrent li l-kumitat tal-appelli kellu l-intenzjoni jisma' lill-partijiet biss fuq il-kwistjoni tal-inammissibilità tal-appell kif ukoll id-deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2011, li permezz tagħha l-'kumitat' kellu għarfien tar-rinunzja tar-rikorrent;
- jannulla n-Note to Staff HR/P&O/2011-079/Ks tal-25 ta' Marzu 2011 u n-nota CD/Pres/2011-35 tas-6 ta' Settembru 2011 li permezz tagħha, filwaqt li sqarr li kienet ser tiġi kkanċellata n-'Note to Staff..' iċċitata, il-president tal-BEI rrifjuta li tinbeda l-proċedura ta' konċiljazzjoni skont l-Artikolu 41 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-BEI, kif mitlub mir-rikorrent fin-nota tiegħu tat-2 ta' Awwissu 2011 (Anness 8) u b'messaġġ elettroniku tat-2 ta' Settembru 2011;
- jannulla l-linji gwida stabbiliti mid-dipartiment tar-riżorsi umani bin-nota 698 RH/P&O/2010-0265 tal-20 ta' Diċembru 2010 u l-'Guidelines to the 2010 annual staff appraisal exercise' relatati, inkluż fil-parti (punt 12.1), li jipprovdur li l-evalwazzjoni finali għandha tiġi espressa b'sunt verbali, iżda ma jstabbilixx il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-evalwatur sabiex rendiment jitqies li huwa 'exceptionnelle dépassant les attentes', jew 'très bonne', jew anki 'répondant à toutes les attentes'; u lanqas il-kriterji li jiddeskrivu rendiment bħala 'répondant à la plupart des attentes avec toutefois des domaines nécessitant des améliorations', jew ukoll 'ne répondant pas aux attentes'.
- jannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tal-2010 fl-intier tiegħu, kemm fil-parti tal-evalwazzjoni u l-parti li fiha r-rendiment ma huwiex ikklassifikat fil-qosor bħala 'exceptionnelle' jew 'très bonne' u ma jipproponix lir-rikorrent għall-promozzjoni fil-funzjoni D, kif ukoll fil-parti li tistabbilixxi l-għanijiet għas-sena 2011;

- jannulla l-atti kollha relatati, konsekuttivi u preċedenti, li ċertament jinkludu l-promozzjonijiet deċiżi fl-10 ta' April 2011, fin-nota tad-direttur tar-riżorsi umani '2010 staff appraisal exercise, award of promotions and titles', fid-dawl tal-fatt li, billi bbaża ruħu fuq l-evalwazzjoni tas-superjuri tar-rikorrent, li qed tiġi appellata hawnhekk, il-BEI naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni l-pożizzjoni tar-rikorrent fil-punt 'Promotions from Function E to D';
- jikkundanna lill-BEI għall-ħlas ta' kumpens għad-danni morali u fiżiċi konsegwenti;
- jikkundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2011 — ZZ et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-130/11)

(2012/C 65/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: ZZ et (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjonijiet ta' trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz mal-Kummissjoni abbażi tal-proposta kkalkolata mill-ġdid tal-PMO.

### Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjonijiet li jannullaw u jissostitwixxu l-proposti ta' trasferiment tad-drittijiet tal-pensjoni tar-rikorrenti fil-kuntest tat-talba tagħhom skont l-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, li tikkonċerna proposta ġdida kkalkolata abbażi tad-DĠE adottati fit-3 ta' Marzu 2011;
- jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.